# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.9

**Kap 5: ngħinu bil-qalb!**

**Lezzjoni 5.9: Dan ħażin jew tajjeb**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. jagħrfu permezz ta' spjega u stampi x'inhu tajjeb/ħażin.
2. jifhmu u jitgħallmu dwar x'iridu jagħmlu meta jagħmlu l-ħażin.
3. jirrevedu u janalizzaw x'isir fil-qrar.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Preżentazzjoni *(power point)* : X'inhu d-dnub, x'nagħmlu qabel inqerru, għaliex inqerru.
- Karta ta' Taħriġ: 5.7 (mill-ktieb)
- Kanzunetta: Ejja nagħmlu festa

https://www.youtube.com/watch?v=FEbON69aVdM



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi nistaqsu lill-istudenti x'inhu dnub u x'inhuma d-dnubiet li normalment jagħmlu t-tfal.
- Imxi mal-preżentazzjoni.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- L-għalliema tiddiskuti mal-istudenti d-differenza bejn nagħmel xi ħaġa ħażina apposta u nagħmel xi ħaġa li tiġi ħażina b'inċident.
- X'irridu nagħmlu meta nwettqu dnub.
- Lil min nitolbu maħfra: lil Ġesù u lil min noffendu bid-dnub.
- Naraw kif iħossuhom meta jagħmlu dnub. Għaliex?
- Kif se nirranġa s-sitwazzjoni m'Alla u mal-oħrajn?
- Kif inħossni meta nqerr? Min jagħtini l-paċi?
- Naraw x'irridu nagħmlu biex ikollna qrara tajba.
- Asal għall-punt li Ġesù dejjem jilqagħna u jagħtina l-maħfra.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-attivitajiet 5.7 u wara li taqra u tispjega s-silta mogħtija, iddiskuti magħhom Attività 1.
- Aqra l-istorja f'attività 2 u bħala klassi għin lit-tfal jagħżlu l-kelma t-tajba.



- Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt li hu dejjem ħażin li twaqqa' għaċ-ċajt lil xi ħadd.
- Spiċċa l-lezzjoni bil-kanzunetta: Ejja nagħmlu festa.

https://www.youtube.com/watch?v=FEbON69aVdM

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Meta nagħmlu l-ħsara dan hu dejjem ħażin.
2. Ħażin jista' jkun xi kelma li nkun għedt, li sraqt xi ħaġa, li m'għamiltx dak li kelli nagħmel.
3. Ġesù dejjem b'idejh miftuħin biex jerġa' jilqagħna għandu.
4. Wara li nqerru nħossuna aħjar, fil-paċi ma' Ġesù.
5. Inqerr sew meta nsir aħjar u ma nkomplix fil-ħażin li nkun qed nagħmel.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru rispett lil xulxin.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Il-kanzunetta: Ejja nagħmlu festa.

  https://www.youtube.com/watch?v=FEbON69aVdM

- Tajjeb kieku jiġi organizzat Att Penitenzjali ħalli nuruhom din l-esperjenza sabiħa tal-Qrar u l-Maħfra ta' Ġesù.



**Nitolbu:**

**O Ġesù, grazzi talli int dejjem lest li tilqagħna għandek u taħfrilna. Nitolbuk maħfra ta' kull meta noffenduk.**

**Bħal San Ġorġ Preca tajjeb li ngħidu din it-talba ta' spiss: 'Grazzi Sinjur Alla u aħfirli Sinjur Alla'.**

